MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 969/2010

**Vodafone Malta Ltd**
**C-10865**

**vs**

**Borg Fabian**
**I.D. 189477 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici, talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ elf seba’ mija erbgha u tlettin Ewro u erba’ u disghin Ewro centezmu (€1,734.94), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kotndenti u skond ir-rendikont anness ma l-avviz tat-talba markat bhala Dok A. Illi l-konvenut gie interpellat divers drabi b’talba ghall-pagament effeticv, izda baqa’ inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru ***2502/10*** u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagamnet effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-istess socjeta’ attrici pprezentata fit-18 ta’ Ottubru, 2010 li permezz taghha l-konvenut ghamel pagament akkont ta’ tlett mitt Ewru (€300) u ghalhekk l-ammont mitlub gie ridott ghal elf erba’ mija u erbgha u tletin Ewro u erba’ u disghin Ewro centezmu (€1,434.94).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma kif ridotta ta’ elf erba’ mija u erbgha u tletin Ewro u erba’ u disghin Ewro centezmu (€1,434.94), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------